MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 846/2002/1

GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera CGU Insurance plc ta' Perth Scotland u dan kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Mary Farrugia skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni

Vs

Penza Construction Company Limited u Kunsill Lokali Marsaxlokk

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u erba' u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm774.72), hsarat kawzati fi propjeta ta' l-assigurata taghha u li ghalihom giet kumpensata ghab-bazi ta' polza ta' assikurazzjoni u liema hsarat saru f'incident li sehh fl-14 ta' Novembru 1998 u ghal liema danni huma responsabbli l-konvenuti wara li biddlu l-livell tat-triq u paviment estern u dahal kwantita ta' ilma tax-xita.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta (fol. 8) li permezz taghha ddikjarat li m'hijiex responsabbli ghad-danni peress li dawn ma gewx ikkagunati minnha u f'kull kaz l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv.

Ra li l-konvenut Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ghalkemm debitament notifikat (fol. 7) ghazel li ma jikkontestax il-kawza.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatt saljenti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Mary Farrugia tiggestixxi negozju minn gewwa Smart Bazaar, Triq San Frangisk, Marsaxlokk u hija assigurata mas-socjeta attrici.

(b) Fl-14 ta' Novembru 1998 ghamlet ix-xita u ghal habta tat-3.30 p.m. giet skoperta hsara f'oggetti li kienu jinsabu fil-hanut b'rizultat ta' ingress ta' ilma [gholi ta' zewg filati]. Parti mill-hanut in kwistjoni qieghed f'livell ta' basement.

(c) Gewwa Triq San Frangisk u Triq Aznell, Marsalokk kienu qeghdin isiru xogholijiet. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'*resurfacing* tal-bankini u tat-triq. Fil-fatt il-bankini kienu mhaffrin [fond ta' xi zewg piedi].

(d) Ix-xoghol gie kkuntrattat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk lil Penza Tarmac Limited. F'ittra datata 12 ta'

Gunju 1998 u mibghuta mis-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk lil Penza Tarmac Limited jinghad: *"We are pleased to inform you that your tender submitted on 5 June 1998 has been accepted by the Marsaxlokk Local Council and you are therefore hereby being awarded the contract for the resurfacing of Triq l-Arznell and Triq San rangisk, Marsaxlokk"* [fol. 64]. Carmelo Penza xehed:- *"huwa minnu illi dakinhar tal-incident, ahna ma kollniex ilhaqna ghamilna l-bankini mill-gdid. B'danakollu, qatt ma bsarna illi kienet ser taghmel dak ix-xita kollha li ghamlet, u wisq anqas illil l-hanut tas-Sur Farrugia ma kellux waterproofing membrane biex jilqa' l-ilma milli jippenetra minn gol blat fil-hanut"* [fol. 63].

(e) Ix-xogholijiet saru fuq ordni tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

(f) Skond rapport li sar mis-surveyor inkarigat mill-kumpannija assiguratrici, *"In the downpour which obtained in the course of Saturday, 14 November, 1998, the large volume of surface water generated by the rainfall rushed down toward the sea, running against the risk address which is situated at the confluence of two streams.* ***<u>Water promptly poured through the exposed pavements and percolated rapidly through the bedrock, weeping in great profusion through the building's wall</u>****. All this occurred when the shop was closed between 1300 hours and 1530 hours and was discovered by Mrs. Farrugia upon her return at the time"* [fol. 43]; ara wkoll xhieda moghtija mis-surveyor Chris Hayes fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2002 [fol. 50 et seq].

2. Jibda biex jinghad li mill-provi rrizulta li x-xogholijiet ma kienux qeghdin isiru mill-kumpannija konvenuta Penza Construction Limited. Jidher li l-Kunsill Lokali ta' l-informazzjoni hazina meta baghat ittra lis-socjeta attrici fejn gharrafha li x-xogholijiet saru minn Penza Construction Ltd [fol. 74]. Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk, l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi:-

*“Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi”*.

4. Fil-gurisprudenza il-kuncett ta’ *culpa in eligendo* jidher li gie estiz, *“fis-sens illi jekk tirrizulta l-inkompetenza minhabba n-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli ghax ma setax jassumi l-kompetenza (ara* ***Grech vs Kummissarju tal-Pulizija****, Appell, 1/3/1988;* ***Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija****, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 13/2/1987; u* ***Naudi vs Schembri et noe****, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 13/5/1991)*” [**Michael Balzan vs Lawrence Ciantar et** (Cit. nru: 668/91DS) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Dicembru 2002]. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Kunsill Lokali ghandu jerfa’ r-responsabbilta ghall-hsara li saret in vista li mill-provi rrizulta li kien hemm nuqqas ta’ kompetenza min-naha tal-kuntrattur meta halla l-bankini mikxufin minghajr ma ndenja ruhu li jaghtihom b’xi materjal (bhal plastik) bhala prekawzjoni f’kaz li taghmel ix-xita. Li l-kuntrattur ighid li ma kienx qieghed jistenna li taghmel ix-xita, matul ix-xahar ta’ Novembru, mhu xejn ghajr konferma tan-nuqqas ta’ kompetenza tieghu. L-istess jinghad ghad-dikjarazzjoni li ghamel li huwa kien jippretendi li l-hanut kellu l-membrane sabiex ma jipperkolax l-ilma. Assunzjonijiet li huma kollha gratuwiti u juru nuqqas ta’ serjeta u ebda konsiderazzjoni ghall-interessi ta’ terzi. Fil-fehma tat-Tribunal dan l-agir da parti tal-kuntrattur jikkonferma li kien hemm negligenza lampanti u nuqqas ta’ hila fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet.

5. Ghal dak li jikkoncerna d-danni reklamati, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn gew sodisfacentement ippruvati [ara survey report imhejji minn St. Paul’s Survey

Company Limited – fol. 14 *et seq*]. Il-fatt li l-assigurata tas-socjeta attrici naqset milli taghti lill-pulizija lista ta' l-oggetti li garrbu l-hsarat, m'hijiex prova li l-oggetti li kien hemm fil-hanut ma garrbux hsarat bl-ingress ta' l-ilma. Irrizulta wkoll li l-valur ta' l-oggetti gie kkalkolat fuq il-*cost price* u mhux fuq is-*selling price* kif originarjament mitlub mill-assigurata. Dan apparti l-fatt li anke mill-okkorrenza tal-pulizija jirrizulta li saret hsara fl-ghamara, gugarelli u hwejjeg.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jillibera lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u erba' u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm774.72), b'rizerva ghal kull jedd li jispetta lilu fil-konfront ta' terzi.

Spejjez huma kollha ghak-karigu tal-Kunsill Lokali li sahansitra rrizulta wkoll li ta nformazzjoni hazina lis-socjeta attrici u ghab-bazi ta' liema l-kawza giet intavolata wkoll kontra l-kumpannija Penza Construction Limited.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------